

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1047**tas-16 ta' Lulju 2018****dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 212, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinneogzja Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mar-Repubblika ta' Singapore ("il-Ftehim").
- (2) In-negozjati ġew konklużi u l-Ftehim ġie inizjalat fl-14 ta' Ottubru 2013.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Huwa akkumpanjat minn Ittra ta' Akkumpanjament, li tiffirma parti integrali mill-Ftehim, li jenħtieġ li tiġi ffirmata fl-istess ħin mal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra, u tal-Ittra ta' Akkumpanjament mehmuża mal-Ftehim huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi ⁽¹⁾.*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim u l-Ittra ta' Akkumpanjament mehmuża mal-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2018.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ It-test tal-Ftehim ser ikun ippubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.